24 ta' Ġunju, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Vincenzo Debono *versus* Nutar Dottor Vincent Gatt ne.

**Taxxa tas-Suċċessjoni u Donazzjoni — Donazzjoni — Serviġi — Vitalizju — Gratuwità — Alea — Mara — Awtorizzazzjoni tal-Qorti — Nullità — Annullabilità — Art. 1805 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 70 u 7(1) tal-Kap. 70 — Ordinanza XI ta' l-1947.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi dwar it-taxxa tas-suċċessjoni u donazzjoni, li timponi li t-taxxi taħt dik l-Ordinanza jgħoddu għal kull trasferiment ta' proprjetà, ta' użufrutt, użu jew tgawdija, ta' beni mobili jew immobili, jew ta' kull jedd ieħor reali jew personali, sew jekk jiġri minħabba mewt, jew jekk jiġi magħmul b'titolu gratuwitu b'att fost il-ħajjin, hija dispożizzjoni ġenerika li tikkomprendi kull xorta ta' trasferiment "inter vivos" jew "causa mortis".*

*Għaldaqstant, jekk isir trasferiment ta' beni immobili taħt titolu apparenti ta' ħlas bħala korrispettiv ta' serviġi jew ta' kostituzzjoni ta' vitalizju oneruż, u jirriżulta li jkun hemm eċċess tal-*

*valur tal-beni assenjati fuq il-valur tal-kumpens dovut għal dawk is-serviġi jew tal-vitalizju, dak l-eċċess jammonta għal donazzjoni, u t-trasferiment jaqa' taħt id-dispożizzjoni fuq imsemmija.*

*L-element tal-gratuwità, li huwa rikjest għad-donazzjoni, mhux inkompatibili man-natura ġuridika tal-vitalizju; u għalkemm l-alea hija element essenzjali tal-vitalizju, meta l-isproporzjon bejn il-valuri assenjati tkun konsiderevoli, b'mod li teskludi l-alea, dik l-isproporzjon ma ġġibx għan-nullità tal-kuntratt, imma jkun hemm kuntratt mist bl-element ta' l-onerożità u tal-liberalità, u jkun in parti donazzjoni.*

*L-intenzjoni tal-kontraenti li jagħmlu donazzjoni jew kuntratt oneruż tista' tirriżulta mill-fatt innifsu ta' l-eċċess fil-valuri assenjati.*

*Jekk imbagħad l-assenjazzjoni tal-valur eċċessiv tkun saret minn mara mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, meta din l-awtorizzazzjoni kienet rikjesta skond il-liġi, dak id-difett ma jirrendix id-donazzjoni nulla b'mod assolut, iżda sempliċement annullabili; b'mod li tibqa' dejjem suġġetta għat-taxxa.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u wara li jiġu mogħtija l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, peress illi b'att tan-Nutar Oscar Azzopardi tas-7 ta' April 1948 (Dok. A) l-attur akkwista b'titolu oneruż minn għand Maria Torpiano n-nofs indiviż tal-fondi indikati fid-dok. B, li jirrendi dan in-nofs £88. 13. 10½ renta fis-sena, u dan in korrispettiv ta' kumpens li l-attur kellu jieħu għall-kuri, serviġi u assistenzi prestati mill-1935 sal-kuntratt lill-istess Torpiano, kif ukoll ta' kuri, serviġi u assistenzi li kellu l-attur jirrendilha sal-mewt, kompriżi manteniment, ilbies, £6 fix-xahar għall-ħajjata, koabitazzjoni u kera frank, liema serviġi, manteniment, ilbies u abitazzjoni l-partijiet iddikjaraw li għandhom il-valur ta' 10s. 4d. kuljum; u peress illi l-konvenut ippretenda li l-attur kien obligat jiddenunzja dan it-trasferiment bħala donazzjoni "inter vivos", u għalhekk, b'ittra tat-23 ta' Lulju 1952 (dok. C) u b'ittra tal-25 ta' Settembru 1953 (dok. D), interpella lill-attur iħallas £236. 7. 11 bħala taxxa skond il-Kapitlu 70 tal-Liġijiet ta' Malta u £472. 15. 10 bħala penali talli ma għamilx id-denunzja skond l-istess Kapitlu; talab li (1) jiġi dikjarat illi t-trasferiment fuq imsemmi, magħmul favur l-attur bl-imsemmi att

tas-7 ta' April 1948 ma jaqgħax taħt id-dispożizzjonijiet "inter vivos" skond l-imsemmi Kapitlu 70 tal-Liġijiet ta' Malta, u li għalhekk l-attur ma kienx obligat jiddenunzja l-istess trasferiment, (2) in konsegwenza jiġi l-attur dikjarat eżenti mill-obligu tal-ħlas tat-taxxa u tal-penali msemmijin fid-dokumenti C u D. Bl-ispejjeż tal-ġudizzju;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fl-ewwel domanda l-attur qiegħed jitlob li t-trasferiment li sar favur tiegħu bl-imsemmi kuntratt tas-7 ta' April 1948 ma jaqgħax taħt id-dispożizzjonijiet "inter vivos" skond il-Kap. 70 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk l-attur ma kienx obligat jiddenunzja dak it-trasferiment. In sostanza, l-attur jippretendi li hu akkwista nofs il-fondi ndikati f'dak l-att b'titolu oneruż, u dan bħala korrispettiv ta' kumpens ta' prestazzjonijiet li kien irrenda u li kellu jirrendi lil Maria Torpiano sal-mewt tagħha, kompriż vitalizju tul ħajjitha; mill-banda l-oħra, il-konvenut jippretendi li l-valur tal-beni assenjati lill-attur huwa ferm ikbar mill-kumpens talvolta lilu dovut, u għalhekk l-eċċess jikkostitwixxi donazzjoni mponibili;

Illi, skond l-art. 70 tal-Kapitlu 70 fuq ċitat, "it-taxxi taħt dik l-Ordinanza jgħoddu għal kull trasferiment ta' proprjetà, ta' użufrutt, użu jew tgawdija ta' beni, mobbli jew immobbli, jew ta' kull jedd ieħor reali jew personali, sew jekk jiġru minħabba mewt, jew jekk jiġu magħmula b'titolu gratuwitu b'att fost il-ħajjin". Din il-lokuzzjoni hija ġenerika, u tikkomprendi kull xorta ta' trasferiment "inter vivos" u "causa mortis"; b'mod li, jekk l-eċċess allegat mill-konvenut jirriżulta adegwatament, dan jaqa' taħt id-dispożizzjoni fuq miġjuba;

Illi l-attur issottometta li, biex ikun hemm donazzjoni, jeħtieġ li jkun hemm il-gratuwità, kif ukoll l-intenzjoni tal-partijiet li jikkuntrattaw donazzjoni, u anzi, fil-każ ta' mara, l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti jekk il-valur tal-ħaġa jeċċedi £50, skond l-art. 1838 (e) tal-Kodiċi Ċivili;

Kwantu għall-gratuwità, din mhix inkompatibili man-natura ġuridika tal-vitalizju (arg. art. 1805 Kod. ċit.); u għalkemm l-alea hija element essenzjali, meta l-isproporzjon bejn il-valuri assenjati tkun konsiderevoli, b'mod li teskludi l-alea, dan ma jġibx għan-nullità tal-kuntratt, iżda dan il-kuntratt

ikun mist bl-element ta' l-onerożità u ta' liberalità, u jkun in parti donazzjoni (Kollez. XXXII—I—138);

Kwantu għall-intenzjoni tal-kontraenti, din tista' tirriżulta mill-fatt innifsu ta' l-eċċess fil-valuri assenjati, u tifforma oġġett tal-meritu nvolut fil-kawża;

Rigward imbagħad id-difett ta' l-awtorizzazzjoni ġudizzjali, għall-finijiet ta' dina l-liġi fiskali, ma jirrendix id-donazzjoni ineżistenti jew nulla b'mod assolut, iżda semplicement annullabili, b'mod li tibqa' dejjem soġġetta għat-taxxa. Dana kien, fost oħrajn, l-iskop ta' l-emenda introdotta bl-Ordinanza XI ta' l-1947 lill-art. 7 (1) tal-Kapitlu 70 (ara wkoll l-"Objects and Reasons" relativi għal din l-emenda, publikati fis-Supplement tal-Gazzetta tal-Gvern paġ. 352); liema emenda ndubbjament hija applikabili għat-trasferiment in kwistjoni, peress li dana kien posterjuri għall-promulgazzjoni tagħha;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi l-indaġini prinċipali li trid issir hija jekk fl-imsemmi trasferiment hemmx eċċess fil-valuri assenjati; u din hija, kif josserva l-istess konvenut fin-nota tiegħu fol. 28, kwistjoni ta' apprezzament ta' fatti li jiffurmaw il-meritu tal-kawża;

Għal dawn il-motivi;

Tiddikjara u tiddeċidi illi, bħala prinċipju, it-trasferiment in kwistjoni jista' jikkostitwixxi donazzjoni għall-eċċess fil-valuri talvolta assenjati, u, fil-każ li dan l-eċċess jiġi pruvat, ikun imponibili u suġġett għad-denunzja skond l-art. 13 (1) tal-Kapitlu 70. Konsegwentement tiddifferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni tagħha fil-meritu għall-udjenza tad-19 ta' Novembru 1954;

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għad-deċiżjoni finali.